MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 637/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Ramon Cassar)**
**vs**

**Michael Mifsud, 26 sena, iben Francis u Maria Dolores nee` Curmi, imwieled Pieta fis-6 ta’ Dicembru, 1985, u li joqghod Golden Eagle, Trejqet San Frangisk, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` nru. 12286M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,u cioe`:

Talli fit-23 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tad-9.45p.m., geww t-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Rahal Gdid, flimkien ma persuna jew persuni ohra mhux maghrufa:

1A. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Salvatore Fiteni u lil Thomas Vella jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` ta' l-imputat.

2A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Salvatore Fiteni u Thomas Vella, liema offizi gew maghmula b'arma regolari;]

3A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus, gakketta u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Salvatore Fiteni u/jew ta' persuni w/jew entitajiet ohra;

4A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni u lil Thomas Vella kontra l-volonta taghhom, liema persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna taghhom jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

5A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari,imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

6A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Salvatore Fiteni jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

7A. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`bieb ta' *refrigerated display*, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) izda izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu ta' l- Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Salvatore Fiteni u/jew ta' persuni ohra;

8A ukoll talli fl-istess jum u fix-xahar ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

9A. u talli u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, barra l-imsemmi fond cioe` fi Triq il-Knisja, Paola, spara arma tan-nar qalb zona t'abitazzjoni;

U aktar talli fl-4 ta' Jannar, 2009, ghall-hata ta' 4.30a.m., gewwa Cerviola Hotel fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa:

10B. ikkommetta serq ta' flus u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment tas-socjeta Marsascala Holiday Complex Co. Ltd u/jew ta' persuni w/jew entitajiet ohra;

11B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Alfred Attard kontra l-volonta tieghu;

12B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Alfred Attard jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

13B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

14B. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hgieg ta' bieb ta' *counter*, liema hsara ma tiskorrix l-mija w sittax il- Euro u seba' w erbghin centezmu (€116.47) ai terminu ta' l- Artikolu325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta Marsascala Holiday Complex Co. Ltd u/jew ta' persuni ohra;

15B. u talli u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar fejn kien hemm allogjati ghadd ta' residenti u qalb zona t'abitazzjoni;

16B. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl- Iskeda II tal- Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

U aktar talli fl-4 ta' dicembru, 2008, ghall-habta tal-5.15am, gewwa Casey's Confectionery fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Zejtun, flimkien ma persuna u/jew persuni ohara mhux maghrufa:

17C. dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Stephen Caruana jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` ta' l-imputat;

18C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' flus u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Stephen Caruana u/jew ta' persuni ohra;

19C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l- awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Stephen Caruana kontra l-volonta tieghu;

20C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

21C. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil Stephen Caruana jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

22C. u talli u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar qalb zona t'abitazzjoni;

23C. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl- Iskeda II tal- Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

24. talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Dicembru, 2008, minn Triq Ciscaldi, Zabbar ikkometta serq ta' vettura Mazda 323, numru tar-registrazzjoni GAI113, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmel Cassar u/jew ta' persuni ohra;

25. talli fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Dicembru, 2008, minn Triq iz-Zonqor Marsascala ikkometta serq ta' tarka tar-registrazzjoni ta' quddiem ta' vettura tal-marka Isuzu Elf 250, bin-numru tar-registrazzjoni LCL445, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Karen Valentine u/jew ta' persuni ohra;

26. talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru, 2008, minn Triq Mons Luigi Catania, Zabbar ikkometta serq ta' tarka tar-registrazzjoni ta' wara ta' vettura tal-marka Puegeot,bin-numru ta' registrazzjoni AQZ002, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment tas- socjeta John's Garage Ltid u/jew persuni ohra;

27. aktar talli fit-2 ta' Frar, 2009, gewwa z-Zejtun, u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa Marsaskala u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. GAI113, ma numri LCL445 (fuq quddiem) u AQZ002 (fuq wara) ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

28. aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek tar-registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe' numri LCL445 u AQZ002 minflok in-numri originali GAI113 u dan ai terminu ta' l-Artikolu 157 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l- Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fis-26 ta' Jannar, 2009,ghall-habta ta' 5.15a.m., minn gewwa l-istabbiliment Chick King Take-away fi Triq ix-Xatt, Marsaskala flimkien ma Kristian Ellul u ma persuna ohra mhux maghurfa:

29D. ikkommetta serq ta' flus, cash register u safe, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad- detriment ta' Stephen Mifsud u/jew ta' persuni ohra;
30D. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` *shutter* u attrezzaturi ohra fl-istess stabbiliment, , liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u seba' u disgha u sittin centezmu (€116.69) ai terminu ta' l-Artikolu325(1)(ca) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' Stephen Mifsued u/jew ta' persuni ohra;

31D. u aktar talli talli fis-26 ta' Jannar, 2009, bejn in-00.30am u l-5.00am, minn Triq il-Qaliet, Marsaskala, flimkien ma persuni ohra, ikkometta serq ta' vettura tal-marka Hyundai Accent, , numru tar-registrazzjoni 3BD148, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bilvalur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u seba' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Ramon Grech u/jew ta' persuni ohra;

32D. u aktar talli fis-26 ta' Jannar, 2009, ghall-habta tal-5.15a.m., fi Triq ix-Xatt, Marsaskala, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni JBD148, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu Ramon Grech u/jew ta' persuni ohra;

33. u aktar talli fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Jannar u s-26 ta' Jammar, 2009, fi Triq l-Imriekeb, Marsaskala, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Hyundai Accent, numru tar-registrazzjoni DAC069, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija

u erbgha u sittin Euro disgha u sittin centezmu (€1164.69) ai terminu ta’ l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu George Scerri u/jew ta’ persuni ohra;

34. u talli talli fit-12 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tat-8.00a,m.,, minn Triq il-Qaliet, ikkometta serq ta’ vettura Chevrolet Kalos, numru tar-registrazzjoni HBC116, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u seba’ w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruaqa u li sar ghad-detriment ta’ Pauline Anne Dale u/jew ta’ persuni ohra;

35. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti , fosthom flus, camera tar-ritratti, kelba, *mobile phone* w xi affarijiet ohra minn vettura numru tar-registrazzjoni HBC116, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ William John Hensher u/jew ta’ persuni ohra;

36. talli fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta’ Jannar, 2008, minn Qasam Hal-Dmikki, Ghaxaq ikkommetta serq ta’ par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Peugeot numru IAT075, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-danu ta’ Carmel Domenici u/jew persuni ohra;

37. u aktar talli fis-26 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tas-6.30a.m., gewwa Haz-Zabbar, u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor f’xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta’ vettura nru. HBC116, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. IAT075, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

38. u aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri IAT075 minflok in-numri originali HBC116 u dan ai teminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

39. u aktar talli fl-20 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 5.30a.m., minn Triq Hompesch, Fgura ikkommetta serq ta' vettura Skoda Favorit, numru ta' registrazzjoni DAR279, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Galea u/jew ta' persuni ohra;

40. talli fil-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Novembru, 2008, minn Triq is-Salvatur, Kalkara ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Skoda Favorit, numru ta' registazzjoni EAQ731, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-danu ta' Rodianne Cini u/jew ta' persuni ohra;

41. u aktar talli fit-13 ta' Dicembru, 2008, gewwa l-Kalkara, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. DAR279, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. EAQ731, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

42. u aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri EAQ731 minflok in-numri originali DAR279 u dan ai teminu ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikoli 15(1A) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

43. u aktar talli fl-1 ta' Settembru, 2008, f'xi hin bejn il-11a.m., u t-8.30pm., minn Triq il-Kitba, Fgura ikkommetta serq ta' vettura Subaru J10, numru ta' registrazzjoni KAE515, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, li ma jeccedix l-elfejn mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Clive Fava u/jew ta' persuni ohra;

44. u aktar talli fil-5 ta' Jannar 2008, fi Triq Wied il-Ghajn, Zejtun, volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-marka Subaru J10, numru tar-registrazzjoni KAE515, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro disgha u sittin centezmu (€1164.69) izda hija izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€1164.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu Clive Fava u/jew ta' persuni ohra;

45. u talli fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Settembru, 2008, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' par tarek tar-registrazzjoni minn vettura tal-marka Renault Clio, numru ta' registazzjoni HAT546, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-danu ta' Francis Bezzina u/jew ta' persuni ohra;

46. u aktar talli fil-5 ta' Dicembru, 2008, ghall-habta tal-5.30a.m., gewwa z-Zejtun, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghall-xi awtorita` pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi bidel it-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura nru. KAE515, ma par tarek tar-registrazzjoni misruqa nru. HAT546, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

47. u aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza zewg tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe` numri HAT546 minflok in-numri originali KAE515 u dan ai

teminu ta’ l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ l-Artikolu 15(1A) ta’ l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

48. u talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u t-22 ta’ Dicembru, 2008, minn Triq San Gwakkin, Marsaskala ikkometta serq ta’ tarka tar-registrazzjoni minn fuq mutur tal-marka Gilera liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

49. u talli fit-2 ta’ Frar, 2009, u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, saq diversi vetturi, u cioe` vetturi bin-numri tar-registrazzjoni (proprja) GAI113 tal-marka Mazda 323, HBC116 tal-marka Chevrolet Kalos, JBD148 tal-marka Hyundai Accent, DAR279 tal-marka Skoda Favorit, u KAE515 tal-marka Subaru 310, minghajr ma kien kopert b’polza t’assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni u minghajr ma kien kopert b’licenza tas-sewqan relattiva;

50. u talli fis-26 ta’ Jannar, 2009 u/jew fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

51. u talli fis-26 ta’ Jannar, 2009, u/jew fix-xhur ta’ qabel, gewwa fond nru. 29, Trejqet San Frangisk, Zabbar, zamm jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

52. u talli fis-26 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tas-6.30am., gewwa Trejqet San Frangisk, Zabbar, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ PC582, Oliver Magri, u membri ohra tal-korp tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

53. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-PC582, Oliver Magri, u ikkagunalu griehi ta’ natura hafifa

skond kif iccertifika Dr. A. Baldacchino M.D. mill-Isptar Mater Dei.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tas-26 ta’ April 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat f‘dina il-kawza b’addirittura erba’ hold-ups, serq ta’ vetturi u diversi tarek ta’ registrazzjoni, oltre akkuzi ohra relatati ma’l-istess, bhar-reat tal-hsara volontarja u anke akkuzi ta’ attakk u resistenza fuq membru tal-korp tal-pulizija u offizi ta’ natura volontarja fuq il-vittmi ta’ dawn ir-reati. Illi minn ezami akkurat ta’l-atti processwali jirrizulta illi l-prosekuzzjoni qieghda tibbaza l-kaz taghha fuq numru ta’ provi indizzjarji. Dana qed jinghad ghax l-imputat la jixhed f’dawn il-proceduri u fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija investigattiva huwa ma iwiegeb ghal kwazi l-ebda domanda maghmula lilu. Inoltre ma kienx hemm xi xhieda okulari li gharrfu lill-imputat billi l-malviventi involuti fil-kummissjoni ta’ dawn ir-reati kollha kienu mghammda. Illi huwa biss fis-serqa tal-hanut bl-isem Chick King illi wiehed mil-komplici fil-kummissjoni ta’ dana ir-reat, u cioe’ certu Kristian Ellul, li jipponta subajgh lejn l-imputat. Illi madanakollu huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta’l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita’ ta’l-imputat. Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina serjatim il-provi migjuba fir-

rigward ta' kull serqa li sehhet u li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat kif indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-Rinviju ghal Gudizzju.

**A. Is-serqa mit-Tic Tic Confectionery ta' Rahal il-Gdid li saret fit-23 ta' Jannar 2009**.

Illi fil-lejl tat-23 ta' Jannar 2009 ghal habta tad-9:30 ta' fil-ghaxija sid il-hanut bl-isem Tic Tic gewwa Rahal il-Gdid, Saviour Fiteni, kien qieghed jipprepara biex jaghlaq. Flimkien mieghu f'dak il-hin kien hemm siehbu certu Thomas Vella li kien qieghed iqatta' ftit tal-hin mieghu kif solitu jaghmel. Kienu wara l-bieb qed jiehdu flixkun birra u jaraw it-televizjoni. F'hin minnhom huma innotaw tnejn min nies barra il-hanut li kienu jidhru mghammda u armati b'xi snieter. Wiehed mill-malviventi ghamel l-arma li kellu mal-vetrina u spara bil-konsegwenza illi kemm Fiteni kif ukoll Vella intlaqtu bil-hgieg li tar meta saret l-isparatura kif ukoll b'xi comb. Fiteni mar jigri fir-rokna tal-hanut bil-biza', nizel gharkobbtejh b'wiccu lejn il-hajt. Wiehed mill-malviventi staqsieh ghal flus u huwa wiegbu illi l-kartiera kienet fil-gakketta tiehu. Il-malviventi hadu xi flus mill-cash register fejn kien hemm madwar €40 kollha f'karti tal-ghaxra euro il-wahda, kif ukoll hadulu il-gaketta li kienet ta' kulur ahmar bl-iswed li kien fiha il-kartiera tieghu kannella, kif ukoll xi business cards, identity card u xi cards tal-banek. Flus fil-kartiera ma kellux. Sadanittant Thomas Vella li ma'l-isparatura kien spicca waqa' fl-art, kif ipprova jitharrek wiehed mill-malviventi li kien armat ipponta l-arma fid-direzzjoni tieghu u ordnalu biex ma jiccaqlaqx.[1] Illi l-hanut ta' Fiteni kien armat b'sistema ta' CCTV li juri lil dawn iz-zewg malviventi fil-post iwettqu dina s-serqa fejn wiehed minnhom jidher armat. Illi kemm Fiteni kif ukoll Vella sofrew griehi ta' natura hafifa minhabba il-hgieg li kien inkiser kif ukoll mic-comb li tar mill-arma tan-nar meta dina giet sparata[2]. Id-deskrizzjoni li tinghata minn dawn it-tnejn minn nies tal-malviventi hija piuttost vaga u ma twassal ghall-ebda prova konkreta. Saret hsara kemm fil-bieb tal-hanut kif ukoll il-hgieg tar-

---

[1] Ara xhieda ta' Saviour Fiteni u Thomas Vella a fols.173 u 184 rispettivament

[2] Ara xhieda u rapport ta' Dr. Mario Scerri Dokument MS1 a fols 664 et. seq

refrigerated display counter, hsara ammontanti ghal madwar €150[3]. Xhieda okulari ma kienx hemm. F'dik il-ghodwa imbaghad certu Graziella Bongailas li tirrisjedi fil-fond 65, Anthony House Triq San Guzepp, Zabbar kienet ghamlet rapport illi fil-letter box tad-dar taghha kienet sabet Cashlink card, BOV visa card, HSBC Visa Card flimkien ma' zewg ricevuti tal-ATM tal-Bank of Valletta li indikaw illi fil-gurnata tat-23 ta' Jannar ghal habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghaxija xi hadd ipprova jigbed il-flus izda peress illi il-pin number li iddahhal kien hazin it-transazzjonijiet ma sehhewx[4]. Illi minn ezami tac-CCTV tal-Bank of Valletta fergha Haz Zabbar tidher persuna fil-filmat mhux identifikata li hija mghammda b'balaklava.[5]

Illi imbaghad fis-26 ta' Jannar u cioe' tlett ijiem wara, u cioe' fil-jum li kienet ghadha kemm sehhet is-serqa gewwa it-take-away bl-isem Chick King (liema serqa ser tigi itrattata iktar 'il quddiem), persuna anonima kienet ghaddiet informazzjoni lil-pulizija illi ghal habta tas-6:30 ta' fil-ghodu kien hemm il-persuna ta'l-imputat gewwa Triq in-Nevew, Haz Zabbar gewwa vettura tal-ghamla Chevrolet Kalos li kien jidher suspettuz. Il-pulizija marru fuq il-post, izda l-imputat lahaq telaq minn hemm. Huma ghalhekk marru ifittxuh vicin ir-residenza tieghu u sabuh diehel id-dar. Meta l-imputat gie imwaqqaf mill-pulizija saret tfittxija fuqu u il-vettura li kienet tal-ghamla Chevrolet Kalos bin-numru ta' registrazzjoni foloz IAT 075. Fil-fatt minn investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija irrizulta illi dina il-vettura kienet igib in-numru ta' registrazzjoni HBC116 li kienet insterqet minn gewwa Triq il-Qaliet Marsascala fit-12 ta' Jannar ta'l-istess sena. Dina l-vettura kienet tappartjeni lil Pauline Anne Dale u dak in-nhar li insterqet kienet qed tigi misjuqa minn habib taghha William Hensher.[6] In-numri ta' registrazzjoni IAT075 min-naha l-ohra kienu gew irrapurtati misruqa fl-4 ta' Jannar. Dawn kienu jappartjenu vettura tal-ghamla Peugeot, proprjeta ta'

[3] Ara Dokumenti SF1 u SF2 a fols. 177 u 178 u ix-xhieda ta' Joseph Mifsud a fol.688
[4] Ara xhieda ta' Graziella Bongailas a fol.507.
[5] Ara stills esebieti mill-espert PS516 Alfio Borg a fol.459 tal-proces verbal Dokument JM4 Volumn III
[6] Ara xhieda ta' Dale u Hensher a fols.478 u 483 tal-process.

Carlo Domenici, li fil-hin tas-serqa kienet ipparkeggjata f'Qasam Hal Dmikki gewwa Hal Ghaxaq.[7]

Illi meta saret it-tfittxija fuq il-persuna ta'l-imputat, dana kien qieghed igorr investa kulur safrani fejn go dina l-investa instabu, camouflage jacket ta' kulur ahdar bil-kannella, tlett balaklavi kollha full face u maghmula minn komma ta' xi folk tas-suf, li tnejn kienu suwed u wahda blu, torch ta' kulur iswed, sitt skratac ta' kalibru 12, kuluri tnejn blu, tlieta hodor u wahda hamra, u ghadd kbir ta' muniti. Fuq il-persuna ta'l-imputat imbaghad instabu wallet ta'l-irgiel iswed, arlogg ta'l-idejn, xi muniti, erba' cwievet separati u xi munita li x'aktarx kienet falza. Fil-but tal-qalziet tieghu, instabu zewg karti ta' €5 il-wahda. Minn tfittxjia li saret fil-vettura Chevrolet Kalos instabet fost affarijiet ohra gakketta ta' kulur ahmar bl-iswed li wara gie stabbilit li kienet tappartjeni lil Saviour Fiteni, liema gakketta wiehed mill-malviventi kien ha minn fuq il-post.

Wara li l-imputat gie arrestat, kien ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gie investigat u ittiehdulu is-swabs ghal fininijiet ta' ezamijiet ghal GSR. Sussegwentment huwa gie mehud lura id-dar tieghu biex igib xi hwejjeg fejn gie osservat illi libes flokk ta' kulur maroon bil-logo quddiem bil-kliem "Athletic Sport". Dana il-flokk jidher illi kien jaqbel perfettament ma' dak li kien liebes wiehed mill-malviventi u cioe' dak li kien armat, meta saret is-serqa gewwa it-Tic Tic Confectionery liema flokk jidher fil-filmati tac-CCTV elevati minn gewwa il-hanut[8]. Illi sussegwentement il-pulizija kienu ghamlu tfittxijiet kemm fir-residenza fejn ighix l-imputat ma' missieru kif ukoll f'proprjeta adjacenti li hija abbandunata gewwa 29, Trejqet San Frangisk Zabbar, proprjeta ta' certu Angelo Mizzi u il-familja tieghu. F'dawn it-tfittxijiet instabu diversi oggetti li gew elevati mill-pulizija, u li ma kenux jappartjenu lil Mizzi, peress illi dawn setghu jitfghu dawl mhux biss fuq is-serqa minn gewwa t-Tic Tic Confectionery, izda ukoll fuq diversi serqiet ohra li kienu

[7] Ara xhieda ta' Carmelo Domenici a fol.652.
[8] Ara stills elevati minn PS516 Alio Borg fil-process verbal Dokument JM4 Volume III a fols.455 sa 458.

qed jigu investigati.[9] Fost affarijiet ta' rilevanza kien hemm mazz cwievet, flokk tal-GF security bil-komma nieqsa, u pjanca ta' reistrazzjoni bin-numru EBC 721 li kienet tappartjeni lil mutur tat-tip Ilera li giet irrapurtata misruqa. Mid-dar fejn ighix l-imputat imbaghad gew elevati xi qasab tas-sajd u karta tal-flus li kellha toqba fiha. Illi l-Qorti ser tghaddi biex tezamina dawn id-dokumenti iktar 'il quddiem.

Illi finalment fl-atti ta'l-inkjesta magisterjali li saret in konnessjoni ma' dina is-serqa tat-Tic Tic Conectionery kienet ittiehdet ix-xhieda guramentata ta' certu Raymond Psaila.[10] Dana Psaila jixhed u ighid illi jumejn qabel ma' saret is-serqa in kwistjoni kien gie avvicinat mill-imputat fejn dana kien qallu li kien bi hsiebu jaghmel hold up gewwa hanut f'Rahal il-Gdid, izda ma indikalux liema kien dana il-hanut.

Illi mill-provi akkwiziti, dejjem in konnessjoni ma' dina s-serqa biss jirrizultaw is-segwenti provi:

1. Illi kif jixhed Saviour Fiteni, wiehed mill-malviventi kien seraq il-gakketta tieghu ta' kulur ahmar bl-iswed minn fuq il-post qabel ma telaq 'il barra. F'dina l-gakketta Fiteni kellu diversi cards kemm tal-bank, kif ukoll ukoll business cards u identity card u kartiera kannella. Dina l-istess gakketta instabet mill-pulizija xi jiem wara meta l-imputat gie arrestat, gewwa vettura Chevrolet Kalos li instabet kantuniera 'il boghod mir-residenza ta'l-imputat u li kienet misruqa. Dana gie ikkonfermat minn Fiteni stess kemm quddiem il-pulizija investigattiva meta gie muri il-gakketta kif ukoll fil-Qorti. Inoltre sid l-imsemmija vettura certu William Hensher ikkonferma illi l-gakketta ma kenitx tappartjeni la lilu u lanqas lis-siehba tieghu li fuqha kienet irregistrata l-vettura, Pauline Anne Dale.[11]

2. Illi irrizulta illi dina l-vettura Chevrolet kienet fil-pussess ta'l-imputat mix-xhieda guramentata moghtija

---

[9] Ara rapport dettaljat bir-ritratti fil-proces verbal Dokument JM4 Volume II.
[10] Ara xhieda guramentata a fol.565 fl-atti ta'l-inkjesta Dokument JM4 Vol IV.
[11] Ara xhieda ta' Saviour Fiteni a fol.453, kif ukoll ta' William Hensher fol. 485 u ta' Pauline Anne Dale fol.480.

minn Kristian Ellul fl-atti ta'l-inkjesta magisterjali dwar is-serqa mill-hanut Tic Tic Confectionery. Ellul ighid: "*Dik il-karozza mhux jiena sraqtha. Dik serquha Michael u Nelson. Huma qaluli li sid il-karozza tigi iz-zija taghhom u li kienu serqulha ic-cavetta. Meta serquha kellna kelba go fiha*." Dina l-kelba ighid illi imbaghad telquha it-Triq tar-Ramla gewwa Wied il-Ghajn.[12] Dan huwa ikkonfermat ukoll minn provi indizzjarji ohra. Fir-rapport imhejji mill-espert serologista Dr. Marisa Cassar jirrizulta illi il-kampjun elevat minn fuq flixkun tal-Coca Cola vojt elevat minn dina l-vettura jaqbel mal-profil genetiku ta'l-imputat.[13] Dan jindika ghalhekk illi l-imputat kien qieghed juza dina l-vettura. L-imputat ma jofri l-ebda spjegazzjoni kif dina l-gakketta setghet spiccat fil-karozza li huwa kien qiegehd juza u li seraq peress illi kif diga inghad huwa ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

3. Illi mill-filmat tac-CCTV elevat mill-hanut Tic Tic u mill-istills mehuda minn dana il-filmat jirrizulta illi wiehed mill-malviventi kien libes flokk kulur maroon li kellu logo fuqu bil-kliem Athletic Sport[14]. Illi meta l-imputat jigi arrestat u mehud id-dar tieghu biex igib xi hwejjeg, huwa jilbes flokk identiku bhal dak li jidher fil-filmat. Dana il-flokk fil-fatt gie elevat mill-pulizija, hekk kif indunaw b'dana id-dettal[15]. Fuq dana l-flokk jinsabu 88 particelli karatteristici ta' gun shot residue.[16]

4. Finalment ix-xhieda guramentata ta' Raymond Psaila li isostni illi jumejn qabel ma isehh dana il-hold up, l-imputat jinfurmah illi kien bi hsiebu jaghmel serqa minn gewwa hanut f'Rahal il-Gdid peress illi gie nieqes mill-flus.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata f'dana il-kaz b'provi indizzjarji, izda ser tghaddi biex tippronunzja ruhha dwar

---

[12] Ara xhieda guramentata ta' Kristian Ellul a fol.561

[13] Ara rapport ta' Dr. Marisa Cassar Dokument JM4 Vol I fol.91 et seq.

[14] Ara rapport ta' PS516 Alfio Borg esebiet bhala Dokument AB a fol.444 l-atti tal-inkjesta Dokument JM4 Vol III, kif ukoll rapport iehor a ol.453 et seq. tal-istess process verbal Dokument JM4. Ara xhieda ukoll ta' PS363 Christopher Harmsworth a fol.409 tal-process

[15] Ara flokk esebiet fl-atti ta'l-inkjesta Dokument JM li jinsab f'evidence bag bin-numru C000728039

[16] Ara rapport ta'l-Ispizjar Godwin Sammut Dokument GS a fol.105 tal-proces verbal Dokument JM4

il-htija o meno ta'l-imputat dwar dana iktar 'il quddiem peress illi hija tal-fehma illi f'dana il-kaz iridu jigu ezaminati il-provi kollha sabiex tigi stabbilita katina wahda, unika u ininterrotta li tista' twassal ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat.

**B. Is-serqa li sehhet mic-Cerviola Hotel gewwa Marsascala fl-4 ta' Jannar 2009 ghal habta tal-4:30 ta' fil-ghodu**.

Illi fil-lejl tal-4 ta' Jannar 2009, il-lukanda Cerviola kienet qed tigi mghassa min-night receptionist certu Alfred Attard. Huwa kien qieghed vicin il-bar fuq sufan minn fejn seta jara il-bieb ta' barra tal-lukanda meta f'hin minnhom sema' tisbit qawwi mal-bieb ta' barra, qam jigri u osserva tnejn minn nies lebsin balaklava li kienu qed jissaraw mal-bieb biex jifthuh. Dana il-bieb kien maghmul mill-hgieg u l-aluminium. Wiehed minnhom ta daqqa ta' sieq fil-hgiega tan-naha ta' isfel, dina inkissret u dahhal idejh minn dana l-post u fetah il-bieb. Iz-zewg malviventi dahhlu jigru fil-lukanda u baqghu sejrin lejn ir-reception fejn hemmhekk bdew jippruvaw jifthu il-kexxun li kien hemm wara l-counter. Attard qal ukoll illi wiehed mill-malviventi kien armat. Dawn bdew jitolbuh ic-cwievet tal-kxaxen peress illi wiehed minnhom ma setax jinfetah, izda Attard infurmhom illi huwa ma ikollux cwievet fil-pussess tieghu u qalilhom biex ikissruh. Sadanittant wiehed mill-malviventi li kien armat beda ihedded lil Attard li ser joqtlu filwaqt li l-iehor qabad siggu li kien hemm wara l-counter u tefghu fid-direzzjoni ta' Attard li b'xorti tajba irnexxielu jilqa' dana is-siggu b'idejh. Huwa izda ma sofra l-ebda griehi, izda is-siggu inkiser.

F'hin minnhom il-malvivent li kien armat telaq minn hdejh, mar wara l-counter u spara tir gol-kexxun, l-iehor gibed il-kexxun 'il barra u wara dana harrbu jigru 'l barra bil-kexxun b'kollox. Il-malvivent li kellu s-senter f'idejh baqa' hiereg b'lura bis-senter ippuntat fid-direzzjoni ta' Attard. Attard josserva illi fuq barra tal-lukanda kien hemm vettura tal-ghamla Mazda 323 hamra jew orangjo qed tistenniehom u hekk kif il-malviventi rikbu fil-vettura dina telqghet minnufih minn fuq il-post. Attard zied ighid ukoll

illi qabel ma telqu mill-lukanda persuna ohra li kien hemm fil-vettura bdiet iddoqqilhom il-horn biex johorgu. Attard jaghti deskrizzjoni piuttost fjakka lill-pulizija ta' dawn it-tnejn minn nies.[17] Alessio Borg iben sid il-lukanda li kien rieqed f'wahda mill-kmamar tal-lukanda jikkonferma illi l-malviventi harrbu b'vettura tal-ghamla Mazda 323 ta' kulur ahmar mitfi. Ighid illi huwa osserva persuna bil-qieghda tistenna fil-vettura. Ighid li sema' xi hgieg jinkiser u hoss ta' tir minn arma tan-nar izda sakemm nizel isfel il-malviventi lahhqu telqu.[18]

Minn dana l-post ukoll gie elevat filmat tac-CCTV li kien hemm installata vicin ir-reception area. Minn dana il-filmat tidher is-sekwenza ta' kif sehhew l-affarijiet u kif deskritti minn Alfred Attard. Instab ukoll skartocc u xi bicciet tac-comb flimkien ma' xi splinters tal-injam in-naha ta' wara tar-reception. In konnessjoni ma' dina is-serqa infethet ukoll inkjesta magisterjali.[19] F'dina is-serqa insterqu is-somma ta' 1000 sterlina fi flus kontanti, ktieb tac-cekkijiet tal-Bank of Valletta intestat fuq Lawrence Borg, ktieb tac-cekkijiet tal-Bank HSBC, intestat fuq isem RSMA Borg fejn kien hemm hames cekkijiet battala u wiehed miktub fuq isem Louis Spiteri tal-valur ta' €3308, is-somma ta' €1000 flus kontanti u muniti, madwar 1000sterlina f'cekkijiet, ammont ta' biljetti tal-excursions mal-kumpanija Captain Morgan, ammont ta' biljetti tal-excursions tal-kumpanija Oasis travel, bank security key tal-Bank of Valletta, madwar €698 'internet pre-paid cards tal-kumpanija Melitanet u remote control tas-sistema tac-CCTV.

Illi xahar wara li sehhet dina s-serqa u cioe', fit-02 ta' Frar 2009, il-pulizija sabu vettura tal-ghamla Mazda 323 gewwa Triq Toni Zahra, iz-Zejtun. Meta dina l-vettura giet murija lil Alessio Borg huwa ikkonferma illi l-vettura illi huwa ra tal-malviventi dak in-nhar tas-serqa kienet l-istess bhal dina l-vettura. Il-vettura kienet mghottija b'incirata. Irrizulta illi kellha zewg pjanci ta' registrazzjoni differenti minn xulxin, billi fuq quddiem kella in-numru LCL445, u

---

[17] Ara xhieda ta' Alfred Attard a fol.193
[18] Ara xhieda ta' Alessio Borg a fol.219
[19] Ara Dokument JM1 a fol.121 tal-process

fuq wara in-numru AQZ002. Minn stharrig ulterjuri maghmul mill-pulizija irizulta illi n-numri ta’ registrazzjoni proprji ta’ dina l-vettura kienu GAI113, liema vettura kienet giet irrapurtata misruqa fil-lejl bejn is-17 u it-18 ta’ Dicembru 2008 minn gewwa Triq Castaldi, Haz Zabbar. Sid il-vettura kien certu Carmel Cassar li isostni fis-17 ta’ Dicembru 2008 huwa kien ipparkja il-vettura tieghu u fil-ghodu x’hin qam biex immur ghax xoghol huwa ma sabx il-vettura fejn kien hallieha.[20] It-tarek ta’ registrazzjoni LCL445 u AQZ002 kienu ukoll gew irrapurtati misruqa. In-numru LCL 445 kien jappartjeni vettura ohra Isuzu li kien juzaha Saviour Clinch u proprjeta ta’ Angel Attard.[21]In-numru AQZ002 kien jappartjeni vettura Peugeot, proprjeta ta’ John’s Garage li kienet tinsab f’idejn Joseph Vassallo.

Illi minn dina l-vettura gew elevati kampjuni tad-demm minn fuq is-seat tan-naha tal-passiggier kif ukoll diversi oggetti fosthom xi fliexken tal-plastik, u zewg laned tal-plastik. Dawn gew mghoddija lill-espert serologista Dr. Marisa Cassar ghall-aktar stharrig.

Fil-kors ta’l-investigazzjonijiet taghhom, il-pulizija, kif diga inghad iktar ‘il fuq kienu ghamlu tfittxijiet fir-residenza ta’l-imputat kif ukoll fil-proprjeta kontingwa fejn fost affarijiet ohra instabu zewg karti tal-flus, wahda tal-hames ewro u ohra tal-ghoxrin ewro li kienu imqattghin b’tir ta’ arma tan-nar.

Illi in konnessjoni ma’ dina s-serqa jirrizultaw is-segwenti provi:

1. Illi jirrizulta illi fil-kummissjoni ta’ dana ir-reat il-malviventi uzaw vettura tal-ghamla Mazda 323 kulur ahmar mitfi. Illi dina l-vettura giet misjuba madwar xahar wara gewwa iz-Zejtun u gie ikkonfermat minn Alessio Borg li dina kienet identika ghal vettura illi huwa lemah lill-malviventi gewwa fiha. Illi dina l-vettura instabet bit-tarek ta’ registrazzjoni mibdula. Fil-fatt dik ta’ quddiem ma kenitx taqbel ma’ dik tan-naha ta’ wara. Jirrizulta illi kemm

[20] Ara xhieda ta’ Carmel Cassar a fol. 789
[21] Ara xhieda ta’ Saviour Clinch a fol. 298

il-vettura in kwistjoni kif ukoll it-tarek ta' registrazzjoni gew irrapurtati misruqa ftit taz-zmien qabel. Inoltre fil-vettura instabu xi tracci ta' demm fuq is-sedil tal-passiggier. Illi mir-rapport ta'l-espert serologista Dr. Marisa Cassar dana id-demm li gie hekk elevat jaqbel mal-profil genetiku ta'l-imputat Michael Mifsud.[22] Inoltre mill-ezamijiet li saru ghal gun shot residue jirrizulta illi fil-vettura instabu particelli indikattivi tal-GSR. L-iktar li instabu kienu 52 particella fuq is-seat tan-naha ta' wara tal-lemin.[23]

2. Illi mill-fond 29, Trejqet San Frangisk, Zabbar adjacenti ghar-residenza ta'l-imputat instabu xi flus li kellhom tir ta' senter fihom.

**3.** Illi fix-xhieda tieghu guramentata, Kristian Ellul ighid hekk dwar dina s-serqa u il-vettura Mazda 323 meta jigi mistoqsi mill-Uficjal Investigattiv: "***Jiena naf li dak in-nhar filghaxija konna morna hadna kebab minn Munday Turkish ta' Haz Zebbug. Morna jiena, Michael u Donalise u kif konna telghin ghal Haz Zebbug Michael ried jisma' l-ahbarijiet u qaliblu fuq il-Capital Radio u waqt l-ahbarijiet gholielu l-volum. Waqt l-ahbarijiet ma kkumentax. Dakinhar kellu l-flus u ghalkemm jibza ghas-sold, dakinhar hu hallas. …. Li nista nghid fuq il-Mazda li dik Michael seraqha lil zijuh. Hekk ighid hu. Li kien qalli li kienu ghamlu xi haga, u hu kien qata' idu, imma x'ghamel ezatt qatt ma qalli. Jiena kont narah b'idu infaxxata. Kien Dicembru jew Jannar, li ghadda. Il-Mazda kont naf li kienet mghottija fejn sibtuha intom ghaliex wara li kien gie arrestat wara l-kaz tac-Chick King kienet twahhlet CCTV tal-Alberta fejn kien abbanduna il-karozza gewwa z-Zejtun u kien wahhal f'rasu li l-camera kienu ghamluha minhabba fih. Imbaghad, peress illi kien qalli li kien hemm xi demm fil-karozza, kien qalli biex inwasslu hdejn il-karozza biex inehhiha minn hemm u beda jirrabja meta ma sabhiex hemm. Hu stess kien qalli li kien jipparkjaha hemm u kien qalli li kienet mghottija b'cover li kien seraq minn Haz Zabbar***."

[22] Ara xhieda u rapport ta' Dr. Marisa Cassar a fols.385 u 389 et. seq. tal-process
[23] Ara rapport Spizjar Mario Mifsud Dokument MM2 a fol. 568 et. Seq.

**C. Is-serqa minn fuq is-sid tal-Casey's Confectionery taz-Zejtun certu Stephen Caruana li sehhet fil-5 ta' Dicembru 2008**.

Illi dina is-serqa li sehhet il-5 ta' Dicembru tas-sena 2008 saret minn fuq il-persuna ta' Stephen Caruana sid il-hanut Casey's Conectionery ezattament faccata ta'l-istess hanut. Kienu ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu meta Caruana kien ghadu kemm ipparkeggja il-vettura tieghu faccata tal-hanut. Qasam it-triq u mar biex jiftah il-hanut tieghu. Tbaxxa biex idahhal il-cwievet fil-lock tax-xutter u minn warajh sema karozza tistartja u hassa tieqaf hdejh bil-mod. Kif hares wara spallejh jara persuna tinzel min-naha tal-passiggier ta' din il-vettura. Il-persuna kienet mghammda u kellha senter f'idejha. Kif rah gej hu stahba wara jeep Free Lander li kienet ipparkjata ftit 'il fuq, izda il-malvivent beda ighidlu biex ighaddielu il-pouch ghax kien ser jispara. Hu beda idur mal-vettura jigri wara Caruana li kien qed jipprova jistahba u spara tir fid-direzzjoni tieghu. B'dana it-tir intlaqtet il-vettura Free Lander. Caruana hawn beda jibza' u tefa' l-pouch li kellu li spicca hdejn il-vettura li minnha kien nizel dana l-malvivent. Dana ma ndunax mal-ewwel b'din il-mossa u baqa' jinsisti ma' Caruana li irid il-pouch fejn hawn Caruana qallu li l-pouch kien fl-art. Hanwhekk il-malvivent mar, gabar il-pouch rikeb fil-vettura li telqghet minn fuq il-post. F'dana il-pouch Caruana kellu €1800 fi flus kontanti, mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll mazz cwievet inkluzi tal-hanut u tad-dar. Huwa ma innotax x'marka kienet il-vettura jew in-numru taghha[24]. Izda dak in-nhar stess instabet vettura tal-marka Subaru J10 li kienet qed taqbad f'nofs ta' triq gewwa Triq Wied il-Ghajn ftit 'l isfel mill-hanut u gewwa fiha kien hemm dawn il-mazz tac-cwievet. Dina l-vettura kellha pjanci ta' registrazzjoni HAT 546.

Sid il-farm li kien jinsab faccata ta' dina l-vettura taqbad certu Joseph Saliba kien stqarr illi f'dik l-ghodwa meta mar jaghlef l-annimali ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu innota vettura Skoda Favorit kulur blu skur qed timblokka x-xatba

[24] Ara xhieda ta' Stephen Caruana a fol 117 et seq. tal-process

tal-farm. Huwa ipparkja il-vettura tieghu vicin dina l-Iskoda. Wara hames minuti sema vettura tieqaf u il-klieb bdew jinbhu. Huwa ghalhekk hareg jittawwal hdejn ix-xatba u osserva zewg persuni tas-sess maskili hergin minn vettura li thalliet f'nofs ta' triq. Dawn kienu mghammda b'balaklava skura u kienu armati. Beza' u dahal jigri 'il gewwa. Wara ftit ighid illi rahom qed iqabbdu il-vettura li kienu nizzlu minnha u telqu bil-vettura l-ohra u cioe' bl-Iskoda.[25] Minn iktar stharrig li sar mil-pulizija irrizulta illi ftit wara li sehh dan, sewwieq ta' mini-van kien iltaqa' fit-triq ma' vettura tal-ghamla Skoda Favorit li kienet qed tipprocedi minn Triq Wied il-Ghajn fid-direzzjoni taz-Zejtun. Dina laqtet il-vann tieghu peress illi ma setghux ighaddu komodament. Dana is-sewwieq kien osserva illi il-persuni li kien hemm fil-vettura kienu armati.

Minn ricerka ulterjuri li ghamlet il-pulizija irrizulta illi l-vettura Subaru J10 li giet mahruqa kellha numru ta' registrazzjoni KAT 515. Dana gie ikkonstat mic-chassis number tal-vettura. Din il-vettura kienet insterqet fl-1 ta' Settembru 2008 minn gewwa Triq il-Kitba, Fgura. Sidha kien certu Clive Fava. It-tarek ta' reistrazzjoni li instabu mal-vettura mahruqa u cioe' HAT 546 kienu ukoll gew irrapurtati misruqa minn certu Frankie Bezzina sid Renault Clio li kien ipparkeggja il-vettura tieghu gewwa Triq il-Gizimin Swieqi il-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Settembru 2008 meta dawn it-tarek kienu insterqu.

Fit-13 ta' Dicembru 2008 ghal habta tad-disgha ta' fil-ghodu il-pulizija kienu ircevew rapport minn ghand certu Carmelo Galea illi kien sab vettura tal-ghamla Skoda Favorit bin-numru ta' registrazzjoni DAR279 gewwa Triq Santu Rokku, l-Kalkara hdejn l-entratura ta' Smart City. Huwa kien jahdem hemmhekk bhala security officer u fil-fatt dina l-vettura kienet tappartjeni lil dana Galea li kien irrapurtaha misruqa bic-cavetta b'kollox fl-20 ta' Novembru 2008. Dana Galea ighid illi huwa kien waqaf jixtri gazzetta u halla l-vettura barra bic-cavetta b'kollox. Meta hareg mill-hanut sab illi l-vettura kienet insterqet. Meta dina l-Iskoda instabet kellha numri ta' registrazzjoni

[25] Ara xhieda ta' Joseph Saliba a ol. 603

ohra u cioe’ in-numru EAQ739. Dawn it-tarek ta’ registrazzjoni ukoll gew irrapurtati misruqa minn certu Rodianne Cini il-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Novembru 2008. Il-vettura kienet ukoll Skoda Favorit.

Illi fil-vettura Skoda Favorit appartenenti lil Carmelo Galea kienu instabu zewg skratac ta’ kulur ahmar, cigarette lighter, baskett tal-plastic li kien fih xi hwejjeg, erba’ laned tal-plastic vojta u zewg flieken ta’l-ilma vojta ukoll. Dawn ma kenux jappartjenu lil Carmelo Galea. Dana Galea kien informa lil-pulizija illi meta il-vettura giet misruqa huwa kellu fiha tlett qasab tas-sajd u folk li kien fih il-logo tal-JF Security and Consultancy Services Limited li maghhom huwa kien impjegat.

Illi aktar tard fl-investigazzjonijiet tal-pulizija u cioe’ fit-tfittxijiet li kienu saru fir-residenza ta’l-imputat u fir-residenza kontingwa kienu instabu diversi oggetti li kienu jappartjenu lil dana Galea u li huwa isostni illi kienu fil-vettura tieghu meta dina insterqet. Fil-fond kontingwu ghal dak fejn kien ighix l-imputat instabet cavetta. Dina c-cavetta iktar tard irrizultat li kienet tal-vettura Skoda proprjeta ta’ Galea. Fil-fatt meta Galea ipprova dina c-cavetta fil-presenza ta’ PC1135, dina kienet qabblet. F’dana l-istess fond kien instab folk tal-JF security bil-komma nieqsa, liema komma instabet imbagad fl-investa li kien qed igorr l-imputat dak in-nhar li gie arrestat. Dina l-komma kienet tabqel perfettament mal-flokk in kwistjoni.[26] Fir-residenza ta’l-imputat imbaghad fil-washroom kienu instabu tlett qasab tas-sajd li sussegwentment meta murija lil Galea dana ikkonferma illi dawn il-qasab tas-sajd kienu jappartjenu lilu u li kienu fil-vettura tieghu dak in-nhar li giet misruqa.[27] Meta muri dawn il-qasab fil-kors tax-xhieda tieghu, huwa ighid illi qed jaghraf dawn il-qasab peress illi l-qasba bil-manku ahmar kellha zewg bicciet fuq quddiem li hu kien bidel u ghamilhom blu, anke il-casting rod safra ighid illi ghandha n-naha ta’ fuq iwweldjat u

---

[26] Ara xhieda ta’l-Ispettur Ramon Cassar a fol.60

[27] Cwievet u qasab esebieti bhala Dokumenti RC1 u RC2 irtirati minn Carmelo Galea is-seduta tal-20 ta’ Lulju 2009

mibdul filwaqt li l-ohra kellha il-pjanci neqsin u ghalhekk seta' igharafhom min dawn id-dettalji.[28]

Illi stabbilit dawn il-fatti ukoll f'dana il-kaz hemm provi indizzarji li jistghu jorbtu lill-imputat ma' dana il-hold up.

1. Illi s-sejba tal-vettura Skoda Favorit wasslet sabiex inkixxfu diversi indizzji li jimplikaw lill-imputat f'dina s-serqa. Illi ma hemmx dubbju illi dina l-vettura hija l-istess vettura li fuqha harrbu il-malviventi wara li nizzlu mis-Subaru J10 li giet uzata f'dan il-hold up. Prova ta' dan hemm il-mazz cwievet ta' Caruana li instabu f'dina l-vettura. Illi l-persuni li rikkbu fl-Iskoda kienu tnejn mghammda u armati. Dana gie ikkonfermat minn Joseph Saliba li rahom jinzlu mis-Subaru u jirkbu fl-Iskoda. Ghalkemm is-sewwieq tal-mini-van ma giex identifikat madanakollu mix-xhieda ta' PC 11 Daniel Zammit u il-PC1547 John Debattista[29] jirrizulta illi dana is-sewwieq kien irrapurtalhom illi kien ra dina l-Iskoda b'xi nies armati fiha. Meta dina l-Iskoda instabet kellha il-pjanci ta' registrazzjoni li kienu gew mibdula u li kienu misruqa ukoll. Sid l-Iskoda Carmelo Galea isostni illi fil-vettura kellu fost affarijiet ohra tlett qasab tas-sajd kif ukoll flokk tas-suf tal-kumpanija JF Security fejn kien impjegat. Illi il-qasab tas-sajd instabu fil-washroom tad-dar tar-residenza ta'l-imputat, filwaqt illi kemm ic-cavetta ta'l-Iskoda kif ukoll il-flokk tal-JF security instabu il-fond adjacenti.

2. Illi mill-provi gie stabbilit illi wahda mill-balaklavi illi instabu fuq il-persuna ta'l-imputat kienet proprju l-komma nieqsa li kien hemm fil-flokk tal-JF security li instab fil-fond adjacenti, liema folk kien jappartjeni lil Carmelo Galea li kien hallieh fil-vettura tieghu meta dina insterqet.

3. Ix-xhieda guramentata ta' Kristian Ellul. In konnessjoni ma' dina is-serqa Ellul jikkonferma illi l-imputat kien qed jaghmel uzu minn vettura Subaru J10 kulur griz. Ighid illi fiz-zmien li sar dana il-hold-up huwa kien ghadu kif sar jaf lill-imputat. Huwa kien ghaddielu in-

[28] Ara xhieda ta' Carmelo Galea a fol. 224

[29] Xhieda PC1547 a fol.286 u PC 11 a fol.580

numru tal-mobile tieghu, cioe' 79977107. Imbaghad dwar il-vettura Skoda Favorit isostni illi dina kienet tappartjeni lil persuna impjegat bhala security gewwa Smart City. Kien jaf illi kien l-imputat li seraqha ghax ighid li qallu hu stess u li l-imputat kien ukoll jigri kullimkien b'dina l-vettura[30].

Illi dak li jorbot dawn it-tlett serqiet definittivament flimkien, serqiet fejn intuzat arma tan-nar, huwa r-rapport ipprezentat fit-tlett inkjesti magisterjali ta'l-espert tal-ballistika, il-Brigadier Maurice Calleja, li kellu l-inkarigu specifiku illi jistabbilixxi jekk kienx hemm konnessjoni bejn l-armi li intuzaw f'dawn it-tlett hold-ups. Illi huwa ipprezenta r-rapport tieghu fit-tlett inkjesti fejn fir-rapport tieghu huwa jikkonkludi mill-ezamijiet illi huwa ghamel illi: "***L-esponent jikkonferma li l-arma li ntuzat fil-hold-up li sehh nhar l-4 ta' Jannar 2009 fic-Cerviola sitwat fi Triq il-Qaliet, Wied il-Ghajn kienet l-istess arma li ntuzat u sparat fil-hold-up taz-Zejtun fil-5 ta' Dicembru 2008 fuq Casey's Conectionery u fil-Hold-up li sehh fit-23 ta' Jannar 2009 fuq it-Tic Tic Confectionery ir-Rahal il-Gdid. Dina l-arma hija senter tal-kacca tal-kalibru 12 guage tat-tip semi automatic***."[31]

Illi dina l-prova tistabilixxi minghajr l-icken dubbju in-ness bejn dawn it-tlett hold-ups - hija l-ahhar bicca tal-jigsaw puzzle li tghaqqad il-kwadru kollu. Dana ghaliex mill-provi l-ohra indizzjarji jista' jigi stabbilit illi l-imputat kien presenti flimkien ma' persuna jew persuni ohra fuq ix-xena tar-reat. Fir-rigward tal-hold up tat-Tic Tic Confectionery mhux biss instabet il-gakketta li insterqet minn ghand Fiteni fil-pussess tieghu, izda jidher illi l-imputat libes l-istess hwejjeg meta gie arrestat, li jidher libes wiehed mill-malviventi fil-filmat tac-CCTV. Fir-rigward tal-hold-up tac-Cerviola Hotel, id-demm li instab fil-vettura Mazda 323 huwa l-istess demm ta'l-imputat li wegga' meta dahal fil-lukanda. Dina l-vettura giet identifikata minn Alessio Borg bhala l-istess vettura li uzaw il-malviventi. Fl-ahharnett fil-hold-up ta' Stephen Caruana tal-Casey's Confectionery gie stabbilit illi l-malviventi uzaw vettura Subaru J10 liema

[30] Ara xhieda guramentata ta' Kristian Ellul a ol.560
[31] Ara rapport tal-Brigadier Maurice Calleja Dokument MC a ol.62 et. Seq tal-proces verbal Dokument JM1 a ol.121 tal-process.

vettura giet mahruqa u li sussegwetment il-malviventi harrbu b'vettura Skoda Favorit li kienet giet misruqa u li instabet ftit wara. F'dina il-vettura kien hemm oggetti kif diga inghad iktar 'il fuq li instabu fil-pussess ta'l-imputat. L-ahhar holqa tal-katina, imbaghad, hemm ix-xhieda ta' Kristian Ellul li jikkonferma l-involviment ta'l-imputat f'dawn is-serqiet. Inoltre il-vetturi kollha li intuzaw fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati u li instabu iktar tard mhux biss kienu kollha misruqa, izda anke it-tarek ta' registrazzjoni taghhom kienu ukoll misruqa u mibdula. Illi Qorti ghalhekk ma ghandha l-ebda dubbju illi l-imputat kien involut f'dawn it-tlett serqiet. Dana l-konvinciment morali jitnissel mill-provi indizzjarji kollha li gew imressqa f'dina l-kawza li meta mehuda fl-assjem taghhom jippontaw ghal direzzjoni wahda biss u cioe' l-htija ta'l-imputat.

**<u>D. Is-serqa mic-Chick King Take-Away, Triq ix-Xatt, Marsascala li sehhet nhar is-26 ta' Jannar 2009</u>.**

Illi fil-ghodwa tas-26 ta' Jannar 2009 ghal habta tas-sitta neqsin ghaxra ta' fil-ghodu filwaqt illi WPS40 u l-PC1290 kienu sejrin jaghmlu xi spezzjonijiet fil-hwienet tax-xorb gewwa Marsarcala osservaw illi kien hemm vettura imdahhla fix-xutter tac-Chick King Take Away. Ix-xutter kien miftuh u mifquh. Peress illi l-pulizija innotaw li dana ma kienx xi incident tat-traffiku, gew imsejjha il-pulizija mill-ghassa ta' Haz Zabbar fejn saret tfittxija gewwa l-hanut fejn sar evidenti illi kienet sehhet serqa. Il-pulizija osservaw taqlib, u il-cash register kien nieqes. Il-vettura li kienet imdahhla fix-xutter kienet vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JBD148 li kienet ghadha imqabbda, izda ma kienx hemm cavetta fiha. Dina l-vettura kienet insterqet proprju f'dak il-lejl tant illi is-sid Ramon Grech sar jaf illi l-vettura insterqet meta gie infurmat mill-pulizija.[32] Gie ukoll infurmat sid ic-Chick King certu Stephen Mifsud li ikkonferma illi kienu insterqu madwar €700, filwaqt li kellu hsara fil-fond ammontanti ghal madwar €3000. Flimkien ma' dawn insterqitlu ukoll il-cash register li jiswa madwar €400. Ighid illi dawn il-flus li insterqulu kemm mis-safe kif ukoll mill-cash register kienu

[32] Ara xhieda ta' Ramon Grech a fol.429 et. Seq.

madwar sebghin karta tal-€5 l-wahda u il-kumplament kollha f'muniti zghar ta' kull denominazzjoni.

Illi waqt illi l-pulizija kienu ghadhom fuq il-post huma ircevew telefonata anonima fejn gew infurmati illi l-imputat kien gie avvistat gewwa Triq in-Nevew Haz Zabbar ibaghbas f'vettura tal-marka Chevrolet Kalos. Illi kif diga inghad iktar 'il fuq il-pulizija marru fil-post indikat izda ma sabu xejn, izda imbaghad marru hdejn ir-residenza ta'l-imputat gewwa Triq San Frangisk u sabuh diehel id-dar fejn kellu investa f'idejh u hobza tal-Malti. L-imputat ipprova jahrab u gie mizmum mill-pulizija, izda fil-kors ta' dina it-taqtiegha il-kuntistabbli 582 Oliver Magri sofra xi griehi hfief. Ftit 'il boghod instabet il-vettura Chevrolet Kalos kif inghad iktar 'il fuq. Illi fl-investa li kellu f'idejh l-imputat instabu tlett balaklavi li fuq wahda minnhom instab profil genetiku li jappartjeni lill-imputat. Apparti dana l-imputat kellu fil-pussess tieghu numru sostanzjali ta' muniti f'denominazzjonijiet differenti.

Illi apparti dana kollu fil-kaz tas-serqa mill-istabbiliment ta' Chick King minbarra l-provi indizzjarji hemm ukoll ix-xhieda tal-komplici tieghu u cioe' ta' Kristian Ellul li diga gie ipprocessat fuq dana il-kaz u hemm kundanna fil-konfront tieghu fuq l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dana ir-reat. Illi fil-kamp penali illum hija dottrina stabbilita illi ma hemmx bzonn illi dak li ighid xhud li ikun komplici f'delitt jigi korroborat minn xhieda ohra, stante illi jekk emnut dina wahedha hija bizzejjed ghas-sejbien ta' htija. Illi ix-xhieda li jaghti bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa jaghti id-dettalji kollha dwar kif sar il-ftehim biex issir dina is-serqa. Huwa ighid:

***"Il-gurnata ta' qabel jiena iltaqjt ma' Michael hdejn id-dar tiehu f'Haz Zabbar. Dana kien madwar is-sitta jew is-sebgha ta' filghaxija. Maghna kien hemm ukoll it-tfajla tieghi Donalise Chircop. Minn hemm morna niehdu chicken mill-Fgura minn hdejn il-mina ta' Hompesch. Morna bil-karozaa tieghi li hija Fiat Punto bin-numru IBE594. Wara li xtrajna morna niekluhom hdejn id-dar tieghu. Hemm domna xi siegha jew siegha u nofs. Biss qabel tlaqt qalli biex l-ghada***

***filghodu ghal xi l-erbgha u nofs nghaddi ghalih. Dak il-hin ma qalliex ghaliex u dan minhabba it-tfajla tieghi.***

***L-ghada fl-erbgha u nofs mort ghalih hdejn id-dar. Habbatlu mat-tieqa u hareg. Nelson li jigi kuginuh imlaqqam il-Portugiz kien rieqed ghandu. Minn hemm Michael qalli x'kien ser jaghmel jigifieri li kien hemm hanut tac-Chick King ta' Wied il-Ghajn biex nidhlulu. Jiena accettajt li immur.***

***Li gara imbaghad jiena, Nelson u Michael morna Wied il-Ghajn. Jiena kont bil-karozza tieghi filwaqt li huma kienu bix-Chevrolet cilesti li serquha aktar qabel minn Wied il-Ghajn stess. Jiena ipparkjajt il-karozza tieghi fejn kien hemm discoteca bl-isem ta' Reeds ftit 'il fuq mis-Sun City Cinema. Minn hdejn ic-Cerviola Hotel huma serqu Hyundai griz li skond Nelson kienet ta' xi tabib. Naf li Michael kellu tornavit orange li probabbli kien fetah il-Hyundai bih. Wara tit rajt lil Michael isuq il-Hyundai waqt li Nelson li kien bix-Chevrolet ghadda ghalija u gibed lejn ic-Chick King. Nghid ukoll li Michael ma jafx isuq sew u fil-fatt il-Hyundai beda jaghtiha l-iskossi. Il-karozza tieghi hallejtha ipparkjata ftit 'il fuq mis-cinema.***

***X'hin wasalna fuq il-post, Michael irriversja il-Hyundai gol-bieb tac-Chick King. Ma' l-ewwel darba dahal gol-koxxa tal-irham izda imbaghad Nelson dahal isuq hu. Nelson irriversja darbtejn gol-bieb. Il-bieb intefa' il-gewwa. Nelson nizel mil-karozza u dahal gewwa. Warajh dahal Michael u jiena. Nelson tela' fuq il-bank gibed il-cash register u s-safe u ghaddiehom lilna li konna fuq barra. Michael kellu investa safra. Wara tlaqna minn fuq il-post bix-Chevrolet li hallejnieha startjata. Nelson saq il-karozza u morna fejn ir-remissa li tinsab ftit il-boghod minn fejn joqghod Michael. Michael tefa' is-safe hemmhekk. Michael kien ser jitfa' ukoll il-balaklavi u il-flus izda ma tefaghhomx. Minn hemm morna ta' Bighi fejn Nelson kellu l-Vauxhall ipparkjat hemmhekk. Il-karozza ta' Nelson kienet ipparkjata wara l-iskola ta' Bighi fejn***

***hemm il-flats daqsxejn gholjin. Waqt li konna hemmhekk Michael ried grinder pero peress li kien sar il-hin Nelson ried imur sabiex iwassal it-tfajla tieghu ghax-xoghol. Ahna ftiehmna li kellna nergghu niltaqghu fid-disgha hdejn id-dar tieghu. Nelson wassalni ghal carroza u tlaqt id-dar. Meta saru xi disgha mort hdejn Michael izda meta rajt il-pulizija hemmhekk bqajt ghaddej. Fl-istess hin iltaqjt ma' Nelson u ghedtlu li kien hemm l-pulizija u mill-ewwel qalli li x'aktarx kienu arrestaw lil Michael."***[33]

Ellul ikompli ighid illi l-hwejjeg sabiex issir is-serqa kien ipprovdiehom l-imputat. Huwa ukoll jaghti informazzjoni dwar xi serqiet ohra li ghamel l-imputat ta' xi vetturi u ta' xi tarek ta' registrazzjoni. Huwa ighid li kien presenti meta l-imputat seraq it-tarek ta' registrazzjoni minn fuq il-vettura Peugeot 205 gewwa Hal Ghaxaq. Ighid: **"*Dakinhar konna sejrin f'hanut quddiem il-korsa taz-zwiemel niehdu kafe meta Michael qalli biex inwaqqaf il-karozza. Huwa nizel u qala zewg pjanci ta' Peugeot. Jiena kont naf li kien ser jaqlaghhom. Fil-fatt jiena waqqaftu u rega' rikeb mieghi.*"** Dawn il-pjanci kienu igibu in-numru IAT075. Illi anke fir-rigward tal-vettura Chevrolet Kalos, jikkonferma illi dina l-vettura giet misruqa mill-imputat u minn kuginuh Nelson Jose Seixas de Vella. Jikkonferma ukoll illi il-vettura kien fiha foot pump, first aid kit, jack tal-karozzi, xi charger tal-mobile, kif ukoll kelba li aktar tard huma abbandunaw. Dana jikkombacja perfettament ma'l-oggetti li d-derubati ighidu li kien hemm fil-vettura meta dina insterqet. Isostni illi l-pompa tas-saqajn kien hadha Nelson. Ighid illi l-pompa u l-first aid kit rahom hu stess b'ghajnejh fil-vettura Chevrolet.[34]

Illi mir-rapport ta'l-espert serologista Dr. Marisa Cassar, imbaghad gie stabbilit illi mit-tlett balaklavi li instabu fil-pussess ta'l-imputat dak in-nhar li gie arrestat hareg profil genetiku li jaqbel fuq wahda ma' dak ta' Michael Mifsud, cioe' l-imputat, u fuq ohra ma' dak ta' Kristian Ellul.[35] Dana

---

[33] Ara xhieda ta' Kristian Ellul a fols. 559 u 560 tal-proces verbal Dokument JM4 Vol III
[34] Ara xhieda mghotija minn Kristian Ellul quddiem dina l-Qorti fejn huwa jikkonerma l-involviment tieghu u ta'l-imputat – fol 794 et. seq tal-process
[35] Ara rapport a fol.101 Dokument JM4 Volume 1.

ghalhekk jikkorobora dak li ighid Kristian Ellul illi kien komplici fil-kummissjoni tar-reat tas-serq minn gewwa il-Chick King Take-Away meta huwa ighid illi l-balaklava li libes hu kienet blu skura u kienet komma ta' flokk. Illi ghaldaqstant dina x-xhieda flimkien mal-provi indizzjarji akkwizti fl-atti iwassal lil dina l-Qorti ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi l-imputat kien involut ukoll fis-serqa li sehhet minn dana il-hanut. Illi f'dana ir-rigward il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-imputat ma iwegibx kwazi ghall-ebda domanda li issirlu meta jigi interrogat jew baqa' sieket, madanakollu fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu huwa jammetti illi kien ikkometta dina s-serqa.

"M**. *F'idejk kellek investa safra li go fiha kellek madwar mija u hames euros f'muniti, mobile phone, par ingwanti u tlett balaklavi fost ohrajn. Dawn kollha tieghek?***

**R.** ***Iva.***

**M.** ***Ma' min kont f'din is-serqa?*** **(B'referenza ghas-serqa mic-Chick King)**

**R.** ***Wahdi.***

**M.** ***Jekk kont veru wahdek ghalfejn fuqek ma sibnilekx il-flus kollha?***

**R.** ***Wahdi kont*.**"[36]

Minn hawn ghalhekk tirrizulta l-ammissjoni ta'l-imputat illi wettaq is-serqa in kwistjoni, izda ighid illi kien wahdu meta ghamel dan.

Illi id-difiza fis-sottomissjonijiet finali maghmula minnha targumenta illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tistabbilixxi in-ness bejn l-imputat u l-uzu tieghu tal-fond adjacenti ghad-dar tieghu proprjeta ta' Angelo Mizzi. Issostni illi ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi l-imputat kien jaghmel uzu minn dana l-fond. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina l-

[36] Ara stqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-27 ta' Jannar 2009 Dokument RC3 a fol.65 u 66

linja difenzjonali. Fl-ewwel lok mix-xhieda guramentata ta’ Kristian Ellul jidher car illi l-imputat kien qed jaghmel uzu minn dana il-post billi jaqbez il-bejt u ighaddi minn go tieqa. Ellul jikkonferma dana peress illi anke hu kien dahal gewwa dana il-fond ma’l-imputat.

“M. ***Inti gieli dhalt go dak il-post?***

**R.** ***Iva.***

**M.** ***Ghaliex kont dhalt hemmhekk u kif kont tidhol?***

**R.** ***Jiena dhalt darba minn ghand missieru u qabez il-bejt. Huwa fetahli  tieqa u jiena dhalt go fiha.***”[37]

Illi meta sid il-fond Angelo Mizzi gie muri l-oggetti kollha li instabu f’dana il-post, huwa ikkonferma illi dawn l-oggetti ma kenux jappartjenu lilu billi il-post ma kien hemm xejn fih ghajr ghall-ghamara. Jikkonferma illi l-post huwa battal u presentement jinsab ghal bejgh. Jikkonferma ukoll illi lill-imputat ma jafux u li qatt ma tah permess biex jidhol f’dana il-fond.[38]

Illi finalment kif diga inghad iktar ‘il fuq f’dana il-fond instabu xi oggetti li jorbtu lil-imputat mal-kommssjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat fosthom ic-cavetta tal-vettura Skoda Favorit appartenenti lil Carmelo Galea u il-flokk mill-uniformi tal-JF Security li kien fil-vettura Skoda Favorit u li instab minghajr il-kmiem. Gie stabbilit imbaghad illi l-komma li kienet wahda mill-balakalavi li instabu fuq il-persuna ta’l-imputat kienet proprju taqbel perfettament mal-komma ta’ dana il-flokk, anzi kienet mechanical fit mieghu. Dana kollu ghalhekk ihalli lil dina l-Qorti minghajr ombra ta’ dubbju illi l-imputat kellu access ghal dana il-fond u kien jaghmel uzu minnu.

Illi stabbilit ghalhekk illi gie ippruvat illi hemm ness bejn l-imputat u dawn l-erba’ hold-ups u li ghalhekk l-imputat ikkometta dawn il-hold-ups flimkien ma’ persuna jew

[37] Ara xhieda guramentata ta’ Kristian Ellul a fol.561 tal-process verbal Dokument JM4 Volumn III
[38] Ara xhieda ta’ Angelo Mizzi a fol 600 et seq.

persuni ohra, il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tezamina l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

**Nota ta' rinviju ghal gudizzju**

Illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju migjuba il-konfront ta'l-imputat fiha mhux inqas minn tlett folji izda essenzjalment ir-reati indikati fl-istess nota huma l-istess Illi ghar-rigward tas-serqa mil-hanut **Tic Tic** jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati tas-serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, bir-reat tal-offiza volontarja fuq il-persuni ta' Saviour Fiteni u Thomas Vella, bis-sekwestru tal-privat aggravat, bir-reat tal-hsara volontarja u finalment bir-reati li jaqghu taht il-Kapitolu 480 u l-Avviz Legali 79 tal-2006. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi s-serq komess minn dana il-hanut kien aggravat kif indikat fir-rinviju. Illi fir-rigward ta'l-aggravju tal-vjolenza l-Avukat Generali jindika d-dispost ta'l-artikolu 262(1)(a) u (b). Illi ma hemmx dubbju illi s-serq gie kommess kemm bis-sekwestru tal-persuni ta' Saviour Fiteni u ta' Thomas Vella kif ukoll kien akkompanjat bl-offiza volontarja izda hafifa fuq dawn t-tnejn minn nies. Inoltre ma hemmx dubbju ukoll illi intuzaw l-armi f'dana l-hold-up. Illi l-aggravju tal-mezz kif dispost l-artikolu 263(a) ukoll jirrizulta billi l-malviventi kissru l-bieb tal-hanut permezz ta' sparatura sabiex kisbu l-access ghalih. Ukoll dak dispost fis-subartikolu (b) huwa ippruvat billi z-zewg malviventi li wiehed minnhom kien l-imputat ikkomettew dina s-serqa mghammdin. Illi l-istess ma jistax jinghad fir-riward tal-aggravvju tal-valur billi ma giex ippruvat illi insterqu iktar minn €234. Saviour Fiteni isostni illi insterqu madwar €40 flus kontanti, gakketta li tiswa madwar €116.47 li madanakollu ma ingiebet l-ebda prova dwar dan, xi cards, cheque book u biro. Dan ghalhekk ma iwassalx ghal prova li trid il-ligi li tista' tistabilixxi l-valur rejali ta'l-oggetti misruqa. Illi ma hemmx dubbju illi l-aggravju tal-hin tirrizulta billi is-serqa sehhet filghaxija certament wara inzul ix-xemx.

Illi lill-imputat huwa ukolla addbitat bir-reat ta'l-offiza volontarja fuq il-persuni ta' Fiteni u Vella a tenur ta'l-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali. Illi dina l-akkuza tirrizulta

ukoll ippruvata billi gie stabbilit illi dawn it-tnejn minn nies sofrew griehi ta' natura hafifa meta gie sparat tir lejn il-vetrina tal-hanut u huma intalqtu mic-comb u mill-hgieg illi tar ghal fuqhom. Illi anke fir-rigward tar-reat tas-sekwestru tal-persuna, dina ukoll hija ippruvat bl-aggravanti ghall-istess reat u dana billi Saviour Fiteni u Thomas Vella gew mizmuma mill-imputat u il-komplici tieghu filwaqt li huma kienu qed jigu mhedda, kif ukoll bl-intenzjoni illi kemm l-imputat u il-komplici tieghu jiehdu l-flus minn ghandhom. Illi dwar ir-reat tal-hsara volontarja, jigi rilevat illi l-artikolu indikata mill-Avukat Generali huwa 325(1)(b). Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-hsara ikkagunata fil-hanut ta' Fiteni kienet tammonta ghal madwar €150, kif indikat iktar 'il fuq u kwindi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati li jaqghu taht il-Ligi dwar l-Armi, il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gie stabbilit illi l-imputat ma ghandux licenzjoni fuq ismu dwar pussess ta' armi tan-nar.[39] Illi mill-provi akkwizti, kif diga gie sottolinjat iktar 'il fuq gie stabbilit illi l-flokk maroon bil-logo Athletic Sport jappartjeni lill-imputat. Illi l-malvivent li kellu l-arma tan-nar f'idejh kif jirrizulta mill-filmat tac-CCTV u l-istills elevat minn PS516 kien libes dana l-flokk. Kwindi ma hemmx dubbju illi kien l-imputat li kien qieghed igorr l-arma tan-nar u kwindi l-Qorti ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat ghal dawn ir-reati. Illi dana iwassal ukoll ghal sejbien ta' htija taht ir-regolament 18(2)(a) ta'l-Avviz Legali 79 tal-2006 billi l-imputat kien qieghed igorr dina l-arma f'centru abitat.

Illi l-imputazzjonijiet marbuta mas-**serqa gewwa c-Cerviola Hotel** huma essenzjalment l-istess bhal dawk taa-serqa mill-hanut Tic Tic. Ukoll f'dina is-serqa l-akkuza ewelenija hija dik tas-serq aggravat. Illi l-istess aggravji huma imputati lill-imputat u cioe' dik tal-vjolenza, tal-mezz, tal-valur u tal-hin. F'dana il-kaz l-aggravji huma kollha ippruvati. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi s-serq komess mill-lukanda Cerviola kien aggravat bil-vjolenza kif indikat mill-Avukat Generali u cioe' dak dispost fl-artikolu 262(1)(a) u (b). Illi ma hemmx dubbju illi Alfred Attard gie

[39] Ara xhieda ta' WPC117 Silvia Zarb a fol.691.

mhedded tant illi anke l-arma tan-nar baqghet ippuntata fid-direzzjoni tieghu tista’ tghid kwazi il-hin kollu. Is-serq gie ukoll kommess bis-sekwestru tal-persuna ta’ Alfred Attard ghalkemm fortunatament dan ma sofra l-ebda griehi. Inoltre ma hemmx dubbju ukoll illi intuzaw l-armi f’dana l-hold-up. Illi l-aggravju tal-mezz kif dispost fl-artikolu 263(a) ukoll jirrizulta billi l-imputat kisser l-bieb tal-lukanda sabiex dahal tant illi anke spicca wegga. Huwa ghamel dana sabiex kiseb l-access ghal gewwa. Ukoll dak dispost fis-subartikolu (b) huwa ippruvat billi z-zewg malviventi li wiehed minnhom kien l-imputat ikkomettew dina s-serqa mghammdin. Illi l-aggravju tal-valur gie ukoll ippruvat billi mix-xhieda ta’ Lawrence Borg u ta’ Alessio Borg jirrizulta kif inghad iktar ‘il fuq illi insteraq ammont ta’ flus li jeccedi €234. Illi ma hemmx dubbju illi l-aggravju tal-hin tirrizulta billi is-serqa sehhet matul il-lejl u kwindi certament wara inzul ix-xemx u qabel ma telghet ix-xemx.

Illi lill-imputat huwa ukoll addebitat bir-reat tas-sekwestru tal-persuna. Dina l-akkuza tirrizulta ukoll bl-aggravanti ghall-istess reat u dana billi Attard gie mizmum mill-imputat u il-komplici tieghu filwaqt li kienu qed iheddu lill-istess Attard bl-iskop illi kemm l-imputat u il-komplici tieghu jiehdu l-flus minn ghandhu. Illi dwar ir-reat tal-hsara volontarja, jigi rilevat illi l-artikolu indikata mill-Avukat Generali huwa 325(1)(c). Illi skond id-Dokument AB2 esebieta a fol.312 tal-process minn Alessio Borg jirrizulta illi l-hsara fil-bieb kienet tammonta ghal €230 u kwindi jiskorri l-ammont ta’ €116.47 indikata f’dan is-sub-inciz. Madanakollu billi l-Avukat Generali indika dan id-dispost tal-ligi, dina l-Qorti ma tistax hlief issib htija kif indikat.

Illi fir-rigward ta’l-akkuzi previsti mill-Kapitolu 480 tal-Ligijet ta’ Malta u l-Avviz Legali 79 tal-2006, l-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz ta’ dina s-serqa ma tistax tinstab htija taht dawn il-ligijiet. Huwa stabbilit illi kienu tnejn il-malviventi illi accedew fil-lukanda Cerviola filwaqt illi kien hemm iehor li baqa’ jistenna fil-vettura. Illi gie stabbilit ukoll illi l-imputat wegga’ f’dina s-serqa x’aktarx meta kisser il-bieb tal-lukanda u dahhal idejh biex jifthu. Dana gie stabbilit mid-demm li instab fuq is-sedil tal-passiggier fil-vettura Mazda 323 li kien jappartjeni lill-imputat. Madanakollu ma hemmx

prova ohra li tista' tistabilixxi illi kienet dina l-istess persuna u cioe' l-imputat illi kellu l-arma f'idejh fil-kummissjoni ta' dana ir-reat u kwindi fid-dawl ta' dana id-dubbju l-Qoti ser tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Illi dwar l-imputazzjonijiet marbuta mas-**serq fuq is-sid tal-Casey's Confectionery**, Stephen Caruana, ukoll l-akkuzi huma kwazi l-istess. Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-imputat ser jinsab hati ta' komplicita fil-kummissjoni ta' dana ir-reat billi ma jirrizultax mill-provi jekk l-imputat kienx il-persuna li fizikament nizel mill-vettura jew inkella jekk kienx il-persuna li kienet qed tistenna lill-imputat fil-vettura. Madanakollu ghalkemm il-Qorti ser tghaddi biex tapplika l-artikolu 42(d), hija tal-fehma illi f'dana l-kaz jirrikorru l-elementi kollha stabbiliti fl-artikolu 45(b) u (c) billi mill-provi akkwizti jidher illi dina s-serqa kienet ippjanata tant illi kien hemm vettura ohra misruqa ipparkeggjata hdejn il-farm ta' Saliba, billi l-malviventi nizzlu mill-vettura uzata ghal hold-up, tawaha n-nar u rikbu fil-vettura Skoda li kienet qed tistenniehom u harrbu biha. Ghalhekk l-Qorti ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat anke fir-rigward ta'l-aggravji. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi s-serq komess minn fuq Stephen Caruana kien aggravat bil-vjolenza kif indikat mill-Avukat Generali u cioe' dak dispost fl-artikolu 262(1)(a) u (b). Illi mhux biss l-malvivent kellu arma ippuntata fid-direzzjoni ta Caruana izda sahansitra spara fid-direzzjoni tieghu meta dana ma ghaddielux il-pouch. Ghalhekk ma hemmx dubbju illi Caruana gie mhedded tant illi huwa stess ighid illi beza u ghaddielhom il-pouch.. Is-serq gie ukoll kommess bis-sekwestru tal-persuna ta' Caruana ghalkemm fortunatament dan ma sofra l-ebda griehi meta l-arma tan-nar giet sparata fid-direzzjoni tieghu. Inoltre ma hemmx dubbju ukoll illi intuzaw l-armi f'dana l-hold-up. Illi l-aggravju tal-mezz kif dispost l-artikolu 263(b) ukoll jirrizulta billi l-imputat huwa ippruvat illi z-zewg malviventi li wiehed minnhom kien l-imputat ikkomettew dina s-serqa mghammdin. Fil-fatt anke meta Saliba jarahom nezlin mill-vettura Subaru huwa josserva illi dawn kienu mghammda. Illi l-aggravju tal-valur gie ukoll ippruvat billi mix-xhieda ta' Stephen Caruana jirrizulta kif inghad iktar 'il fuq illi insteraq ammont ta' flus li jeccedi €234. Fil-fatt Caruana

ighid illi fil-pouch huwa kellu €1800 kif ukoll mobile phone. Illi ma hemmx dubbju illi l-aggravju tal-hin tirrizulta billi is-serqa sehhet kmieni fil-ghodu fix-xitwa meta x-xemx tkun ghada ma telghetx. Caruana stess ighid illi ma setax josserva l-vettura li intuzat mill-malviventi billi kien id-dlam.

L-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta’ tentattiv ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’Stephen Caruana u dana meta gie sparat tir b’arma tan-nar id-direzzjoni tieghu. Illi ghalkemm jirrizulta illi wiehed mill-malviventi spara fid-direzzjoni ta’ Caruana u dana sabiex igieghlu ighaddielu l-pouch li kellu tal-flus madanakollu mill-atti ma jirrizultax jekk dana kienx l-imputat jew il-komplici tieghu. Ghalkemm kif diga inghad jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputat ha sehem f’dina l-hold-up madanakollu ma jirrrizultax min minn dawn it-tnejn minn nies kien l-imputat u ghalhekk dana id-dubbju ser imur favur tieghu.

Illi l-istess ighodd ghall-imputazzjonijiet previsti fill-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali 79 tal-2006. L-Qorti hija tal-fehma illi ukoll fil-kaz ta’ dina s-serqa ma tistax tinstab htija ghal dawn ir-reati billi kif inghad ma giex stabbilit minghajr ombra ta’ dubbju illi kien l-imputat li kellu l-arma f’idejh u li uzaha u kwindi fid-dawl ta’ dana id-dubbju l-Qorti ser tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Illi abbinata ma’ dina s-serqa l-Avukat Generali jidher illi qed idahhal imputazzjonijiet ohra marbuta mal-vettura Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni GAI113, liema vettura kienet giet irrapuratata misruqa fil-lejl bejn is-17 u it-18 ta’ Dicembru 2008 minn gewwa Triq Castaldi, Haz Zabbar proprjeta ta’ Carmel Cassar. Illi ghalkemm mill-provi irrizulta illi dina l-vettura intuzat fis-serqa li saret mill-lukanda Cerviola u ghalkemm fil-vettura instab demm li qabel mal-profil genetiku ta’l-imputat, madanakollu fl-atti ma hemmx provi illi l-imputat seraq dina l-vettura jew inkella li saq l-istess. L-uniku prova li hemm fl-atti huwa dak li ighid Kristian Ellul fejn huwa isostni illi l-imputat kien qallu li kien hu li seraq dina l-vettura u li imbaghad ipparkeggaha fil-post fejn sussegwentement instabet mill-pulizija. Madanakollu Kristian Ellul ma ighidx illi kien presenti meta Mifsud seraqha imma jirrakonta biss dak li

qallu l-imputat. Inoltre d-demm instab fuq is-sedil tal-passiggier u mhux fuq tax-xufier li seta jaghti indikazzjoni li l-imputat saq dina l-vettura. Lanqas ma hemm prova fl-atti illi kien l-imputat li qala' t-tarek ta' registrazzjoni ta' dina l-vettura u wahhal ohrajn misruqa minflokhom. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat mill-imputazzjonijiet kemm dwar is-serq tal-vettura kif ukoll tas-serq tat-tarek ta' registrazzjoni u twahhil ta'l-istess. Fuq kollox l-imputat ma kienx wahdu meta gie kommess dana id-delitt izda kellu zewg komplici mieghu u kwindi l-Qorti ma tistax tipponta subajha lejn l-imputat minghajr ebda prova fl-atti li tista' tindika minghajr dubbju illi huwa ghamel dana x-xoghol.

Illi finalment rigward l-imputazzjonijiet konnessi mas-**serqa mic-Chick King** Take-Away ghandu jinghad is-segwenti. L-imputat ukoll jinsab akkuzat bir-reat tas-serq aggravat ezattament bhas-serqiet l-ohra u cioe' bl-aggravji tal-vjolenza, tal-mezz, tal-valur u tal-hin. Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi fis-serqa komessa mic-Chick King Take Away ma kien hemm l-ebda persuna presenti, izda kienu tlieta minn nies li ikkomettew dina s-serqa u kwindi minhabba f'dina ir-raguni, in-nota ta' rinviju qed jigi indikat l-aggravju tal-vjolenza numerika kif imfisser fl-artikolu 262(1)(b). Illi l-aggravju tal-mezz kif dispost l-artikolu 263(a) ukoll jirrizulta billi l-imputat flimkien mal-komplici tieghu faqa' il-bieb tal-hanut permezz ta' vettura sabiex inkiseb l-access ghal gewwa. Ukoll dak dispost fis-subartikolu (b) huwa ippruvat billi l-imputat u l-komplici tieghu ikkomettew dina s-serqa mghammdin, kif jirrizulta minn dak mistqarr minn Kristian Ellul, abbinat mal-balaklavi misjuba fuq l-imputat u l-profil genetiku li instab fuqhom li qabel ma' tieghu u ma' ta' Ellul. Illi l-aggravju tal-valur gie ukoll ippruvat billi mix-xhieda ta' Stephen Mifsud jirrizulta kif inghad iktar 'il fuq insterqu madwar €700 fi flus u il-cash register li tiswa €400. Illi ma hemmx dubbju illi l-aggravju tal-hin huwa ukoll ippruvat billi is-serqa sehhet matul il-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' Jannar 2009. Illi jirrizulta ukoll illi meta l-imputat u l-komplici tieghu faqghu l-bieb ta' dana il-hanut giet ikkagunata hsara fl-ammont ta' €3000 u dana kif stqarr sid il-hanut Stephen Mifsud u ghalhekk l-imputazzjoni f'dana il-kaz jaqa' taht id-dispost

ta’l-artikolu 325(1)(a) billi l-ammont ta’l-hsara teccedi l-€1165.

Illi fin-nota ta’ rinviju, l-Avukat Generali ghogbu jabbina ukoll is-serqa tal-vettura Hyundai Accent bin-numru ta’ registrazzjoni JBD148 liema vettura intuzat mill-imputat u il-komplici tieghu sabiex jiksbu access ghat-take away imsemmi. Is-serqa tal-vettura saret fl-istess lejl ftit hin qabel is-serqa. Illi mix-xhieda ta’ Kristian Ellul jirrizulta illi dina l-vettura insterqet mill-imputat u minn Nelson Jose Seixas de Vella, l-komplici l-iehor minn hdejn il-lukanda Cerviola. Fil-fatt id-derubat Ramon Grech jindika illi huwa ipparkeggja l-vettura tieghu vicin ir-residenza tieghu gewwa Marsascala meta imbaghad insterqet il-vettura matul il-lejl tant illi huwa lanqas biss induna sakemm gharrfuh il-pulizija b’dan. Illi ghalhekk b’zieda mal-aggravji tar-reat tas-serq indikati fl-akkuzi l-ohra, hemm zieda ta’l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa kif previst l-artikolu 271(g), billi hawn si tratta ta’ serq ta’ vettura. Illi fir-rigward ta’l-aggravju tal-mezz a tenur ta’l-artikolu 263(b), f’dana il-kaz ma tirrizultax ippruvata billi ma hemmx prova illi meta l-imputat u Nelson serqu dina il-vettura huma kienu mghammdin. Finalment ghalkemm d-derubat ma iggib l-ebda prova ukoll dwar il-hsara huwa ighid illi kellu hsara fil-vettura tieghu fuq in-naha ta’ wara kollu li kien gie mifqugh ghal gox-xutter tal-hanut. Billi ghalhekk ma tezisti l-ebda prova dwar id-danni ghajr ghal dak li jixhed Ramon Grech u billi lanqas saret inkjesta magisterjali f’dana il-kaz, l-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tinstab htija taht is-subinciz (b) u mhux (a) u dana billi d-dubbju ghandu imur favur l-imputat.

Illi fl-imputazzjoni indikata bin-numru 5, l-imputat qed jigi addebitat bir-reat tal-hsara volontarja li sehh fuq il-vettura Hyundai Accent bin-numru ta’ registrazzjoni DAC069. Dina l-vettura tappartjeni lil certu George Xerri li stqarr illi fil-lejl ta’ bejn il-25 u is-26 ta’ Jannar 2009 huwa ipparkeggja il-vettura tieghu hdejn id-dar u l-ghada fil-ghodu meta qam sab hsara estensiva fiha u taqlib shih qiesu xi haddipprova jisraqha.[40] Illi ma hemm l-ebda

[40] Ara xhieda ta’ George Xerri a fol. 475.

prova fl-atti madanakollu li torbot lill-imputat mal-hsara li instabet fil-vettura in kwistjoni u kwindi ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll bis-serq tal-vettura Chevrolet Kalos bin-numru ta' registrazzjoni HBC116 u ta'l-oggetti li kien hemm fl-isemmija vettura. Is-serq huwa aggravat fiz-zewg cirkostanzi bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Illi mix-xhieda kemm ta' Pauline Anne Dale, kif ukoll ta' William Hensher jirrizulta illi l-valur kemm tal-vettura kif ukoll ta'l-oggetti li kien hemm fiha jeccedu l-ammont ta' €233. Illi mill-provi akkwiziti irrizulta ippruvat illi l-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess ta'l-imputat. Dina instabet ftit 'il boghod mir-residenza ta'l-imputat meta dana gie arrestat u gewwa fiha instab flixkun vojt tal-Coca Cola li l-profil genetiku tieghu qabel ma' dak ta'l-imputat. Inoltre fil-vettura instabet ukoll il-gakketta li giet misruqa minn ghand Saviour Fiteni mill-hanut Tic-Tic. Illi finalment Kristian Ellul jikkonferma illi kien l-imputat li seraq dina ic-Chevrolet, kif ukoll it-tarek ta' registrazzjoni bin-numru IAT075. Kwindi kemm dina l-imputazzjoni, kif ukoll l-imputazzjoni numru 7 tirrizulta ippruvata. Illi apparti l-akkuzi dwar is-serq ta' dina l-vettura, ta'l-oggetti li kien hemm fiha u tat-tarek ta' registrazzjoni IAT075, l-imputat huwa ukoll akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-Avviz Legali 198 ta'l-2009 kif ukoll l-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Avviz Legali 198 ta'l-2009 jitkellem dwar ir-registrazzjoni u il-licenzjar tal-vetturi. L-imputat akkuzat illi uza it-tarek ta' registrazzjoni diferenti minn dawk tal-vettura uzata minnu u li biddel dawn it-tarek. Dawn l-akkuzi gew ippruvati billi kif diga inghad huwa seraq dawn it-tarek, imbaghad instab juza dina l-vettura bit-tarek mibdula. Illi fir-rigward ta'l-akkuza ikkontemplata fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tosserva illi l-Avukat Generali jindika l-artikolu 15(1A) ta' dina l-ligi. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi ma tezistiex u l-artikolu 15A jitkellem dwar s-sewqan ta' vettura taht l-influwenza tad-drogi jew alkohol li certament ma jirrizultax f'dana l-kaz. Illi x'aktarx li l-Avukat Generali ried jindika l-artikolu 15(1)(a) u cioe' dwar is-sewqan ta' vettura minhajr licenzja tas-sewqan, izda l-Qorti ma tistax timxi fuq dina is-

supposizzjoni u kwindi l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi fl-imputazzjoni numru 8, l-imputat qed jigi akkuzat li seraq vettura tal-ghamla Skoda Favorit li kellha fuqha n-numru ta' registrazzjoni EAQ731, izda fil-fatt iggib in-numru DAR279, liema serq huwa ukoll aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Illi dina l-vettura intuzat fil-hold up li sar fuq il-persuna ta' Stephen Caruana tal-Casey's Confectionery. Illi inoltre l-oggetti li kien hemm f'dina l-vettura instabu fil-pussess ta'l-imputat b'mod specjali ic-cavetta ta'l-istess vettura. Illi dawn il-provi indizzjarji iwasslu lil dina l-Qorti ghal konkluzjoni illi l-imputat seraq dina l-vettura. Illi anke Kristian Ellul sostna illi kien jara l-imputat idur b'dina l-vettura u isuqha fit-triq. Ghaldaqstant anke dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi id-disa imputazzjoni titkellem dwar l-akkuzi koncernanti s-serq tat-tarek ta' registrazzjoni EAQ731 minn fuq vettura tal-ghamla Skoda Favorit. Illi ghandu jinghad illi ghalkemm dawn it-tarek ta' registrazzjoni instabu imwahhla fuq il-vettura Skoda Favorit li kienet fil-pussess ta'l-imputat u li intuzat fil-hold up tal-Casey's Confectionery, madanakollu ma hemmx prova fl-atti illi kien l-imputat li seraq dawn it-tarek ta' registrazzjoni u li kien hu li wahhalhom fuq il-vettura. Fuq kollox l-imputat ma kienx wahdu fil-kummissjoni ta' dana r-reat u ghalhekk dana x-xoghol seta' sar mill-komplici tieghu. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dawn l-akkuzi kif ikkontemplati f'dina l-imputazzjoni.

Illi l-istess jista' jinghad dwar l-akkuzi li hemm fl-imputazzjoni numru 10. Dawn jikkoncernaw is-serq tal-vettura Subaru J10 li saret fl-1 ta' Dicembru 2008. Ma hemmx l-icken prova fl-atti illi kien l-imputat li seraq dina l-vettura. Kif diga inghad dina l-vettura intuzat fil-hold up li sar kontra Stephen Caruana fejn kien involut mhux biss l-imputat izda persuna ohra ukoll. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tasal ghal konkluzjoni minghajr l-icken dubbju illi s-serqa ta' din il-vettura twettqet mill-imputat u kwindi anke dina l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Madanakollu l-istess ma jistax jinghad dwar l-

akkuza tal-hsara volontarja a tenur ta'l-artikolu 325(b), billi kif diga inghad iktar 'il fuq jidher illi kienu iz-zewg persuni li ikkomettew dana l-hold up u cioe' l-imputat u l-komplici tieghu illi taw n-nar lil dina l-vettura, kif jixhed Joseph Saliba li kien xhud okulari. Kwindi dina l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

Illi l-imputazzjoni numru 11 tigbor fiha diversi akkuzi konnessi mas-serq tat-tarek ta' registrazzjoni u cioe' dawk bin-numru HAT546, KAE515 u it-tarek ta' registrazzjoni minn fuq Mutur Gilera EPG721 kif ukoll li biddel dawn it-tarek ta' registrazzjoni ma' dawk ta' vetturi ohra u li saq diversi vetturi minghajr licenzja u minghajr assikurazjoni. Illi ukoll f'dana ir-rigward ma hemmx prova fl-atti illi kien l-imputat li seraq dawn it-tarek ta' registrazzjoni u li bidilhom hu minn vettura ghall-ohra. Illi l-unika tarka li instabet fil-pussess ta'l-imputat kienet dik bin-numru EPG721, izda ukoll ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti illi kien l-imputat li seraq dina il-pjanca. F'dana il-kas lanqas tista' tapplika it-teorija tar-*recent possession of stolen goods* billi dawn it-tarek kienu ilhom li insterqu mit-18 ta' Dicembru 2008 u cioe' iktar minn xahar qabel ma instabu fil-pussess ta'l-imputat. Kwindi l-imputat ghandu jigi illiberat ukoll minn dawn l-akkuzi.

Illi f'dina l-imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi saq vetturi minghajr ma kellu kopertura ta'l-assikurazzjoni. Illi dana certament jirrizulta ippruvat. Illi hemm provi fl-atti illi l-imputat saq ic-Chevrolet Kalos u il-Hyundai Accent. Illi dawn il-vetturi huma misruqa u fil-fatt gew misruqa minnu stess kif diga inghad. Kwindi certament l-imputat ma jista' qatt ikun kopert bl-ebda polza ta' assikurazzjoni meta saq l-istess u ghalhekk l-akkuzi mahruga ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizultaw ippruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni tinkorpora fiha diversi reati. Fl-ewwel lok l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tar-ricettazzjoni. Illi dina l-akkuza inghatat bhala kap alternattiv ghall-akkuzi dwar is-serq u kwindi dina l-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess. Illi fl-imputazzjoni 12(b) l-imputat qed jerga' jigi akkuzat bir-reati ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe'

l-Att Dwar l-Armi. Illi ma hemmx dubbju illi fil-pussess ta'l-imputat instabu ghadd konsiderevoli ta' skratacc u dawn kollha minghajr l-ebda licenzja. Ghladaqstant l-imputat ghandu jinstab hati ukoll li kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Finalment l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat tal-oltragg ghal ufficjal pubbliku u ta'l-offiza ta' natura hafifa fuq l-istess. Illi gie ippruvat illi fil-mument ta'l-arrest tieghu l-imputat beda joffri certu resistenza. Illi f'dina it-taqtiegha wegga' l-kuntistabbli 582 Oliver Magri. Illi ghalhekk l-fattispecje ta' dana l-incident jinkwadraw ruhhom f'dak dispost fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9. L-artikolu 96, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:
1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: "***It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun

qiegħed jagixxi għall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

Illi ma hemmx dubbju illi dawn l-elementi kollha jirrizulta ippruvati kif jixhdu l-ufficjali tal-pulizija kollha li kienu involuti fl-arrest ta'l-imputat. Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll illi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-kuntistabbli Magri. Illi dina l-akkuza hija assorbita fl-akkuza taht l-artikolu 96 u kwindi l-Qorti ser tghaddi biex tapplika dak dispost fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat qed jigi misjub hati ta' involviment fil-kummissjoni ta' xejn inqas minn erba' hold-ups fost reati ohra. Illi ghaldaqstant l-Qorti certament ma tistax tkun miti ma'l-imputat meta tigi biex tinfliggi il-piena u dana peress illi l-ewwel obbligu li ghandha l-Qorti hija lejn is-sigurta tas-socjeta. Illi l-Qorti tittama illi l-imputat juza z-zmien li ser jinzamm detenut biex jirriforma hajjtu u f'dana ir-rigward ser tghamel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn sabiex meta jigi biex johrog mill-habs huwa ma jergax jaqbad it-triq tad-delinkwenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat:- fir-rigward ta**s-serqa mill-hanut Tic Tic** l-artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 270, 275, 277(b), 214, 215, 221(2), 86, 87(1)(c)(e), 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-regolamenti 18(2)(a), 27(1)(b)(c)(3) ta'l-Avviz Legali 79 tal-2006; fir-rigward tas-**serqa mic-Cerviola Hotel** l-artikoli 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(a)(b), 264(1), 267, 270, 275, 277(b), 86, 87(1)(c)(e), 325(1)(c); fir-rigward tal-**hold-up fuq il-persuna ta' Stephen Caruana**, l-artikoli 42(d), 43, 45(b)(c), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 262(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 86, 87(1)(c)(e); fir-rigward tas-**serqa**

**mic-Chick King Take Away**, l-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(a)(b), 264, 265, 267, 270, 276, 277(b) u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; **is-serqa tal-vettura Hyundai Accent** l-artikoli 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(b), 263(a), 264, 265, 270, 271(g), 276, 277(b), 279(b), 280(2); is-**serq tal-vettura Chevrolet Kalos u ta’l-oggetti li kien hemm fiha** l-artikoli 261(c)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u **is-serq tat-tarek ta’ registrazzjoni IAT075**, l-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g), 280(1), ir-regolamenti 32(5) u 44(5)(6) ta’l-Avviz Legali 198 tal-2009; is-**serqa tal-vettura Skoda Favorit numru EAQ731**, l-artikoli 261(c)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1); **hsara volontarja fuq il-vettura Subaru J10** l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; **sewqan minghajr assikurazzjoni** l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta; **pussess ta’ munizzjoni minghajr licenzja**, l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; **l-offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli Magri** 96(a), 214, 215, 221(1), 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 17(b)(d)(h), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 - filwaqt li tillibera l-imputat mis-segwenti akkuzi u cioe’ l-1A, 6A, 12B. 13B, 15B, 16B, 17C, 20C, 21C, 22C, 23C, 24, 25, 26, 27, 28, 33, 38, 40, 41, 42, 43, 45, 46, 47, u 48, issibu hati ta’l-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah perijodu ta’ ghaxar (10) snin prigunerija.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ €23,191.32.

Il-Qorti tordna is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta’l-imputat ghal zmien sena mil-lum.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------